**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 18 TA' GUNJU, 2002**

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 801/02AE**

**Vodafone Malta Ltd**

**Vs**

**Edgar Bonnici Cachia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm1,321.96) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 0949 6826.

Il-konvenut ikkontesta t-talba tas-socjeta attrici (fol. 11) peress li skond hu s-socjeta attrici kkagunat danni, billi, skunnetjat-219 is-servizz meta kienet taf li l-konvenut kien ser ihallas.

Inoltre, s-servizz moghti mis-socjeta attrici kien inadegwat u mhux professjonali.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fit-30 ta' Lulju 1997 il-konvenut dahal fi ftehim mas-socjeta attrici (Dok. SC1) ghall-ghoti ta' servizz ta' *mobile phone*.

2. Is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm1,321.96), ghas-servizz moghti in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 0949 6826 [ara f'dan is-sens l-istatement li gie pprezentat mis-socjeta attrici – Dok. SC2].

3. Il-konvenut m'huwiex jikkontesta li ghamel uzu mis-servizz u ghamel it-telefonati li taghhom qieghed jintalab il-hlas. Dan huwa kkonfermat:

(a) Fir-risposta li pprezenta l-konvenut tant li jghid li kien dejjem lest li jhallas(fol. 11);
(b) Ittra datata 7 ta' April 2001 u mibghuta mill-konvenut (Dok. SC4);

(c) Fix-xhieda li ta quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2002.

4. Il-konvenut qieghed jippretendi li sofra danni ghaliex skond hu:

(a) Is-servizz gie maqtugh mis-socjeta attrici; u

(b) Is-servizz ma kienx wiehed adegwat, tant hu hekk li meta kien ikun barra minn Malta kien ikollu problemi bil-linja.

It-Tribunal huwa tal-fehma li ma tressqu l-ebda provi f'dan ir-rigward (*iuxta allegata et probata*). Fil-korrispondenza li l-konvenut baghat lis-socjeta attrici (Dok. SC3 u SC4) ma tressaq l-ebda ilment u/jew sar accenn ghal dan il-fatt. Anzi fl-ittra datata 24 ta' April 2001 il-konvenut iddikjara: *"As I tell you, I am not interested in your service anymore, infact I am already destroy the Sim Card.* ***Please send the bill up to today****"*. Sahansitra, fl-ittra datata 7 ta' April 2001 ighid li kien ser ihallas il-kont pendenti. Kliem iktar cjar minn hekk difficli li ssib, u fil-fehma tat-Tribunal kull kumment iehor huwa superfluwu.

5. Il-konvenut attira l-attenzjoni tat-Tribunal ghal fatt li hemm diskrepanza bejn l-ammont indikat fil-fax datata 24 ta' April 2002 u mibghuta lilu mis-socjeta attrici (Dok. SC5) u l-ammont li jissemma fl-istatement (Dok. SC2). Filwaqt li f'ta' l-ewwel

il-hlas mitlub huwa ta' elf mija u wiehed u tletin lira Maltija u tlieta u disghajn centezmu (Lm1,131.93), fl-*istatment* tissemma s-somma ta' elf tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm1,321.96). Is-socjeta attrici naqset milli tati spjegazzjoni ta' din id-diskrepanza. Inoltre, fil-fax tal-24 ta' April 2001 ma saret l-ebda rizerva min-naha tas-socjeta attrici ghal xi ammonti ohra. Mill-provi rrizulta li s-servizz twaqqaf b'sehh mit-23 ta' Marzu 2001 u f'Dok. SC5 is-socjeta attrici nkludiet ukoll l-ammonti li sa dakinhar ma kienx ghadu hareg kont fuqhom. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta attrici ma rnexxilhiex taghti prova sodisfacenti fuq is-somma ta' mija u disghajn lira Maltija u tlett centezmi (Lm190.03).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf mija u wiehed u tletin lira Maltija u tlieta u disghajn centezmu (Lm1,131.93), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**